MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 198/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**John Chircop**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil martu Anna Chircop ghall-pagamenti dovuti fis-26 ta' Jannar, 2005, 9 ta' frar u 23 ta' Frar, 2005.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Chircop hati tal-akkuza kif dedotta w filwaqt li kkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), ordnat il-hlas ta' LM25.26 fi zmien gimgha, ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha :
1) thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza parzjali appellata fejn l-istess Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew, fl-eventwalita li ma tigix milqugha din l-eccezzjoni;
2) thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata fejn l-esponent gie misjub hati tal-imputazzjoni lilu addebitata w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija, jew alternattivament, fl-eventwalita li ma jigux milqugha l-aggravji fuq il-mertu;
3) tvarja l-istess sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet il-htija tal-imputazzjoni addebitata, tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 ordnat il-hlas ta' LM25.26 fi zmien gimgha.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe':- 1. li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant. Il-gurisprudenza kostanti fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kap.9 stabiliet illi nuqqas ta' pagament ta'manteniment bi ksur ta' dan l-artikolu ma jikkostitwix reat kontinwat pero' kontravvenzjoni separata w distinta ghal kull pagament dovut . Ghalhekk il-preskrizzjoni trid tigi kalkolata separatament ghal kull skadenza msemmija fl-akkuza. Ghalhekk l-akkuzi li jirrigwardaw il-manteniment kollu jew parti minnu tas-26 ta' Jannar u tad-9 ta' Frar, huma preskritti; 2. Li anki l-akkuza li ma hallasx parzjalment il-manteniment tat-23 ta' Frar, 2005 hija preskritta ghax il-kontravvenzjoni tigi kommessa fid-data

tal-hlas u mhux hmistax wara. Dan ghax il- periodu ta' hmistax il-jum li taghti l-ligi hu intiz biex dak li jkun jirrimedja u jirregolarizza ruhu qabel ma jkunu jistghu jigi istitwiti proceduri kriminali dwar il-kontravvenzjoni li tkun sehhet fit-23 ta'Frar. 3. Illi ma giex pruvat li kien hemm zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja w li l-appellant naqas li jhallas din iz-zieda. Il-Qorti mhux tenuta li taghmel il-verifiki hi biex tara kienx hemm zieda. Mill-atti ma johrogx li l-ammont dovut mill-appellant huwa ta'Lm25.26c. 4. li finalment l-Ewwel Qorti kienet ukoll zbaljata meta applikat l-artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali u din is-soluzzjoni ma tistax tigi applikata fil-kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

**Semghet ix-xhieda ta' Anna Chircop,mart l-appellant, fl-udjenza tat-22 ta'Settembru, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota ta' riferenzi tal-appellant tal-4 t'Ottubru, 2005;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta'** Anna Chircop**, mart l-appellant, irrizulta li l-konjugi Chircop huma separati legalment b'kuntratt li kien jipprovdi "inter alia" li l-appellant kellu jhallas manteniment ta' LM60 fil-gimgha bil-quddiem, li minnhom LM27 kienu ghall-mara w hdax il-lira (LM11) kienu ghal kull wiehed mit-tlitt itfal. Illum pero', t-tifla l-kbira hija maggorenni w ma hix intitolata ghall-aktar hlas ta' manteniment skond il-kuntratt. Hu ghalhekk kellu jhallas LM49 wara li t-tifla saret maggorenni. Dawn dejjem hallashom. Kien ukoll beda jhallas iz-zieda ghall-*cost of living* skond il-kuntratt u hallas dan ghas-sena 2004. B' kollox ghalhekk kien qed ihallas LM52.21c fil-gimgha. F'Jannar, 2005, pero' rega' beda jhallas LM49 biss.**

**Illi mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni esebit jirrizulta li l-konjugi Chircop kienu ftehmu li :-**

"The maintenance set out in this paragraph shall be revised every three years, the first revision to be due three years from the first (1) of January of the year two thousand (2000) ,in accordance with the increase in the cost of living as such increase results from the Index kept for that purpose by the competent authorities."

**L-appellant ma xehedx.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-ewwel tlitt aggravji li jirrigwardaw l-preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338 (z) tal-Kap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero' jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta' ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim'Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea**" [3.11.1995]**

""Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall "continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ….Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"

**Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux -**

**anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill-Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.**

**Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati , cioe' r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Di fatti skond l-artikolu 691 (1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.**

**Issa fil-kaz in ezami l-akkuza hija li ma thallasx il-manteniment dovut fid-dati tas-26 ta' Jannar, 9 ta' Frar u 23 ta' Frar, 2005. Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, r-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess <u>b'eghluq ta' hmistax il-jum wara d-data tal-iskadenza</u> li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim**."Il-Pulizija vs.David Camilleri**" [22.3.2005])**

**Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :-**

***"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –***
***"meta…..hekk marbut b' kuntratt jonqos li jaghti lil martu….. , is-somma …..stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha…u jew ghall-ulied , <u>fi zmien hmistax il-jum</u> minn dak il-jum li fih skond …dak il-kuntratt , ikollha thallas dik is-somma."***

**Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar.**

**F'dan il-kaz ghalhekk il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' reat kontinwat, (continuous offence) kienet tibda tghaddi minn hmistax il-jum wara l-ahhar**

**skadenza w cioe' fl-10 ta' Marzu, 2005. Illi c-citazzjoni odjerna nharget fl-4 ta' Mejju, 2005 u giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta'Gunju, 2005 (Fol.1) u giet notifikata lill-appellant (kif jidher mir-riferta pozittiva a fol.2) fl-1 ta'Gunju, 2005. Hu fil-fatt deher ghall-kawza fis-6 ta' Gunju, 2005, u dan kollu sar entro t-tlitt xhur tal-preskrizzjoni li kienu jaghlqu fl-10 ta' Gunju,2005.**

*Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrikzzjoni sollevata qed jigi respint.*

**Ikkonsidrat;**

**Illi aggravju iehor tal-appellant hu li ma saritx il-prova taz-zieda fil-"*cost of living*" . Illi hu risaput li l-indici tal-inflazzjoni li jigi pubblikat kull sena in forza tal-Att XXIII tal-1979 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Tnehhija tal-Kontroll tad-Djar (Kap.158), jinhareg fil-Gazzetta tal-Gvern permezz ta' Avviz Legali kull sena w jigi inkorporat fl-Iskeda annessa mall-istess Kapitolu 158. Ergo dan jifforma parti mill-*"corpus juris"* ta' Malta. Ghalhekk ma hemmx bzonn li ssir il-prova ta' tali zieda w l-Qrati jridu jiehdu *"judicial notice*" taghha ghax tohrog mill-istess ligi u l-avvizi legali.**

**Illi ghalhekk kull ma trid taghmel il-Qorti hu semplici somma ta' *"ratio and proportion*" biex tiddetermina kemm kellha tkun iz-zieda. Jekk sa Dicembru, 2002 mart il-kwerelant kienet qed tircevi LM49 fil-gimgha skond kif kien l-indici f'Jannar, 2000 (i.e. 607.07) , (A.L. 30 tat-2001), f'Jannar, 2003, meta l-indici kien tela' ghal 646.84, (A.L. 90 tat-2004), l-ammont pagabbli mill-appellant zgur kellu jkun aktar minn LM49 li ried ihallas u li attwalment hallas. Fil-fatt ried ihallas LM52.21c.**

**Illi mix-xhieda ta' Anna Chircop irrizulta bla ma gie kontestat li l-appellant ma hallasx dan l-ahhar ammont imma ppersista jhallas LM49 biss ghal kull skadenza. Ghalhekk altru milli saret il-prova tal-hlas bin-nieqes.**

**Illi l-ahhar aggravju tal-appellant hu li l-artikolu 377 (1) ma japplikax ghall-kazijiet ta'hlas ta' manteniment.**

**Illi l-Artikolu 377 (3) tal-Kap.9 jiddisponi li :-**

***"Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu it-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mall-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f' ebda kaz mhux aktar minn tlitt xhur mid-data tas-sentenza…."***

**Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma din is-sottomissjoni u tara li mhux il-kaz li f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' mantenimernt li tigi applikata din is-sanzjoni ghax hawn non si tratta ta' *"dizordni*" jew *"inkonvenjent* "  "ut sic".**

**Inoltre ,anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tarax li wara li jkun hemm digriet jew sentenza ta' manteniment jew kuntratt li jistipula l-hlas ta' manteniment, meta dawn diga' minnhom innifishom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, li Qorti ohra terga' tordna li jsir l-istess hlas li ma jkunx sar bi ksur tal-ligi jew tal-obbligi kuntrattwali .Dan hu rimedju ghal kollox superfluwu w ineffikaci u mhux indikat f'kawzi bhal dawn u l-Qrati tal-Magistrati m' ghandhomx japplikawh. Is-sanzjoni, f' kaz ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 338 (z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita', ripetizzjoni w cirkostanzi ohra tal-kaz minn wahda ta' piena ta' detenzjoni ghal zmien ta' mhux izjed minn xaharejn skond l-artikoli 7 (2) u  12 (1) tal-Kap.9 (jew aktar f' kaz ta' reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta' canfira jew twiddiba (Art.7 (2) tal-Kap.9).**

**Ghalhekk dan l-aggravju  qed jigi akkolt.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-**

**waqt li tirrevokaha fil-parti fejn ordnat il-hlas tas-somma ta' LM25.26c fi zmien gimgha ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9, tikkonfermaha ghall-kumplament.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------